# L-ARĊIPRIET DUN ĠUŻEPP GRECH

## 50 SENA MINN MEWTU

MARIO XERRI

*"Alla bagħatni fostkom mhux biex ngħix paxxut u nsir sinjur imma biex naħdem għall-glorja t'Alla. Inwegħidkom li rrid inħalli saħħti kollha, il-ġid li nakkwista u mmut vittma għall-ġid ta' dan ir-raħal li huwa ssiġillat f'qalbi b'siġill ta' mħabba."*

Hekk kien stqarr Dun Ġużepp Grech meta ħa l-pussess tiegħu bħala arċipriet tal-parroċċa tax-Xewkija. U litteralment hekk kellu jkun għax fl-età ta' 63 sena, huwa safa vittma ta' inċident meta kien fi triqtu lejn Malta biex jordna l-ħġieġ tat-twieqi tar-Rotunda. Għal ħamsa u għoxrin sena li hu serva fil-parroċċa ta' San Ġwann Battista, fejn mexxa 'l-parruċċani tiegħu lejn Alla bil-ħlewwa, biż-żelu u bi prudenza kbira. Jixraq li f'għeluq il-ħamsin anniversarju mill-mewt traġika tiegħu niskopru ftit aktar min kien l-Arċipriet Dun Ġużepp Grech u dak li wettaq fi żmienu.

Dun Ġużepp Grech twieled ir-Rabat, Għawdex, fl-1 ta' Lulju 1908, iben Franġisku u Karmela mwielda Attard. Ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, illum bażilika u kolleġġjata. Studja fis-Seminarju ta' Għawdex u fis-16 ta' Marzu 1935 ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Mons. Gonzi. Ta' min isemmi li ħdax-il sena qabel, huwa kien għamel id-diskors tal-okkażjoni tal-ingress solenni tal-istess Isqof fil-Katidral. Serva bħala kappillan tal-kor fil-katidral ta' Għawdex; prefett u għalliem fis-Seminarju; rettur tal-knisja tal-Erwieħ imsejħa Tal-Għonq fir-Rabat; u rettur tal-knisja tax-Xlendi mill-31 ta' Diċembru 1941 sal-14 ta' Lulju 1944. Kemm dam rettur, kien jinżel ix-Xlendi kuljum iqarar u jqaddes, xogħol li wettqu bil-qalb u b'ħafna sagrifiċċji l-aktar meta wieħed jiftakar li dan kien żmien it-tieni gwerra dinjija. Kien sogru għall-istess ħajtu! Bejn il-15 ta' Lulju 1944 u t-28 ta' Mejju 1946 huwa serva bħala viċi parroku fil-bażilika ta' San Ġorġ. Hawn kien diliġenti fl-assistenza tiegħu mal-moribondi fejn kien jgħaddi sigħat maġenb is-sodod tagħhom. Kont tarah ta' kuljum fil-konfessjonarju ta' San Ġorġ jew jamministra t-tqarbin fl-istess knisja.

Ir-rabta li rabtitu sa tmiem ħajtu mar-raħal tax-Xewkija bdiet fit-8 ta' Mejju 1946 meta nħatar Arċipriet-Kuġitur, 'cum futura successione', tal-Arċipriet Dun Anton Grima. Ħa l-pussess ta' arċipriet b'solennità kbira fil-11 t'Awwissu 1946 minn Mons. L. Cordina, Arċidjaknu u Delegat tal-Isqof Pace. Imbagħad fid-9 ta' Frar 1947, Dun Ġużepp ħa l-pussess ta' arċipriet din id-darba



Fl-okkażjoni tal-pusses tiegħu

mingħajr solennità, b'sinjal ta' luttu, wara l-mewt tal-Arċipriet Grima. Għammed għall-ewwel darba bħala arċipriet fl-10 ta' Frar 1947.

Intefa' b'ruħu u ġismu fil-qasam pastorali. Mill-ewwel tefa' ħsibijietu fuq il-pjan ta' knisja ġdida sabiex il-poplu jkollu fejn jaqdi id-dmirijiet reliġjużi tiegħu. Wara li fis-sena 1948, l-Isqof Pace ta l-permess għall-bini tal-knisja l-ġdida, kienet saret pjanta mill-Kavallier V. Bonello. Iżda din ma saritx peress li l-knisja l-qadima kellha tibqa' hemm sakemm titlesta l-knisja l-ġdida. Għalhekk wara ġie inkarigat l-Inġinier u Disinjatur, is-Sur Ġużè D'Amato P.E.P, minn Raħal Ġdid, li kif ilkoll nafu ħareġ bid-disinn tar-Rotunda.

Fi żmien l-istess Arċipriet ġrat traġedja fatali f'Għawdex nhar is-Sibt billejl 30 t'Ottubru 1948 ħdejn Ħondoq ir-Rummien, il-Qala, meta luzzu tal-passiġġieri nqaleb



waqt li kien ġej mill-Marfa għax-xatt ta' Għawdex. Dik it-traġedja ġabet magħha niket kbir. Fost it-tlieta u għoxrin ruħ li tilfu ħajjithom dakinhar, tmienja kienu mix-Xewkija.

Kien fi żmienu wkoll li nbena ċ-ċimiterju l-ġdid. Il-bennej kien Ġużeppi Spiteri u l-pjanta kienet tas-Sur Lorenzo Zammit Haber. Iċ-ċimiterju tbierek fl-4 ta' Frar 1951 mill-Isqof Pace.

Fit-13 ta' Settembru 1951 inbeda l-ippjanar tal-knisja l-ġdida. It-tqegħid solenni tal-ewwel ġebla sar fl-4 ta'



*tqegħid tal-ewwel ġebla*

Mejju 1952 mill-E.T. Mons. Ġ. Pace, Isqof ta' Għawdex. Dakinhar kull Xewki kif ukoll għadd kbir ta' Għawdxin u Maltin inġabru madwar l-Isqof, l-Arċipriet Grech, il-kleru u poplu barrani biex jifirħu bi ġrajja glorjuża u storika.

Ma rridux inħallu barra żjarat li għamlu persuni għolja matul il-parrokat tiegħu. Fit-2 ta' April 1951, ir-Reġina Eliżabetta (dakinhar kienet għadha prinċipessa) flimkien ma' żewġha Filippu, għamlu żjara fix-Xewkija. Bħala reġina hi għamlet żewġ żjarat oħra fix-Xewkija, waħda fis-7 ta' Mejju 1954 u l-oħra fis-16 ta' Novembru 1967 fejn ingħatat merħba kbira mill-poplu u anke ltaqgħet mal-Arċipriet Grech. Il-Gvernatur ta' Malta, Sir G. Hallen Creasy ukoll kien għamel żjara fir-raħal tax-Xewkija fit-30 t'April 1951. Żjara oħra ta' rilevanza kienet fl-1 ta' Awwissu 1955 mill-Kardinal F. Tedeschini li kien akkumpanjat mill-Arċisqof M. Gonzi u mill-Isqof Pace. Fl-okkażjoni taċ-ċentinarju mit-tqawwif tad-djoċesi, il-Kardinal Mons. L. Traghia wkoll kien żar ix-Xewkija sewwasew fis-7 ta' Marzu 1965. Dakinhar kien faħħar lill-poplu Xewki għall-fidi tiegħu u għat-tempju maestuż li kienu qed itellgħu.

Fi żmien l-istess parrokat, preċiżament fl-1953 beda fix-Xewkija l-Leġjun ta' Marija u fl-1956, reġgħet ingħatat il-ħajja l-Banda Preskursur. Fit-23 ta' Diċembru nfetaħ uffiċjalment il-każin il-ġdid.

Fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji tan-nawraġju ta' San Pawl f'Malta, fis-26 ta' Lulju 1960 ġew miżmuma festi kbar f'ġieħ l-Appostlu fix-Xewkija. Fil-pjazza fuq altar imħejji għall-okkażjoni l-Arċisqof M. Gonzi qaddes u għamel omelija qasira quddiem poplu miġbur minn kull rokna ta' Għawdex. Għal dik iċ-ċirkustanza attenda l-Isqof Pace u Mons. Joannes Nuer O.F.M., Isqof ta' Thebes (Eġittu).

Wara tmintax-il sena ta' tant sagrifiċċji u sfidi sabiex il-bini tal-Rotunda jibqa' għaddej, l-Arċipriet Grech kellu x-xorti jifraħ meta fil-31 ta' Mejju 1970 sar it-tberik tas-salib tal-koppla min-Nunzju Appostoliku ta' Malta, l-E.T. Mons. G. Majoli u saru festi kbar fl-okkażjoni. Fl-istess okkażjoni l-Arċipriet Grech għamel diskors tal-okkażjoni u anke qara indirizz qasir bit-Taljan lin-Nunzju Appostoliku.

L-Arċipriet Grech kien saċerdot kwiet, dħuli u ta' qalb tajba ħafna. Kien jirrispetta l-fehma ta' kulħadd. Ma kienx joqgħod lura meta kien fid-dmir li jwissi jew jikkoreġi imma kien jagħmel dan bl-akbar ħlewwa u prudenza. Minn taħbit u taħbit mhux żgħir għadda wkoll speċjalment waqt il-bini tal-knisja l-ġdida. Però irnexxielu jostor ħafna mid-diffikultajiet mill-poplu sabiex dan ma jiġix skoraġġit. Is-sodisfazzjon tiegħu kien meta kien jara lill-poplu jikkontribwixxi għall-bini tal-knisja u jara l-bini ma jieqaf qatt. Il-poplu dejjem sab fih spalla u ħabbu lill-Arċipriet Grech u hu sab spalla fil-poplu Xewki. Iktar ma beda jara x-xogħol miexi ġmielu, iktar il-poplu beda jikkonkorri, kemm bil-flus u kemm bix-xogħol li kien isir b'xejn fil-Ħdud.



*tqegħid tas-salib fuq il-koppla*

Kien bniedem kuraġġjuż u perseveranti. Kien il-kuraġġ li wasslu biex intefa' b'ruħu u b'ġismu għax-xogħol tal-pjanti u tal-permessi tal-knisja l-ġdida mingħajr ma kien għadu lanqas ġabar sold. Ħadem kemm felaħ u tħabat għall-ġbir tal-flus bid-diversi inizjattivi li kien jieħu b'risq il-bini tal-knisja.

Iżda, sfortunatament kellu jsib il-mewt ma' wiċċu, forsi meta l-inqas li stenna. Fl-14 ta' Ottubru 1971 meta kien sejjer lejn Malta biex jordna l-ħġieġ tal-koppla, jisfa milqut minn ċilindru tal-gass li tar minn fuq it-trakk, fl-Imġarr, Għawdex. Ġie meħud l-isptar fejn miet erbat ijiem wara fit-18 ta' Ottubru, fl-isptar ta' Għawdex.

Il-katavru tiegħu ġie akkumpanjat mill-kleru u mill-poplu mill-isptar sal-knisja parrokkjali, fejn l-Amministratur Appostoliku għal Għawdex, Mons. Nikol Cauchi ċċelebra l-quddiesa funebri. Il-Banda Prekursur akkumpanjat il-korteo bil-marċi funebri. Huwa ndifen fil-qabar tiegħu fiċ-ċimiterju tax-Xewkija. Mons. Cauchi għamillu l-isbaħ eloġju meta fl-omelija li għamel stqarr: "Kien saċerdot twajjeb magħruf għas-sinċerità u l-manswetudni tiegħu, għall-ubbidjenza u għall-karità li kien jagħmel ma' kulħadd bil-moħbi u għall-imġiba tiegħu man-nies. Kien jilqa' s-slaleb li Alla jibgħatlu u jsofri fis-skiet!"

Minkejja li l-Arċipriet Grech ma kellux ix-xorti jara t-tempju tar-Rotunda komplut minn kollox, mhux biss il-bust li hemm fid-daħla tar-Rotunda imma kull ġebla li ssawwarha għandha tfakkar lil kull min iżurha fl-isem ta' dan il-ġgant u benefattur tagħha. Kien bir-raġun kollu li tissemma anke triq għalih fir-raħal li għal ħamsa u għoxrin sena ħabb u stinka għalih.

Riferenzi

Memorie della Chiesa Arcipretale di Xeuchia
Ix-Xewkija tul iż-Żminijiet, Orphans Press 1973
L-Orizzont, 21 ta' Ottubru 1971

XERRI ANIMAL FEED Co. Ltd.

**Triq il-Qlugħ, Xewkija Industrial Estate,**
**Xewkija, XWK 3000, Gozo, Malta.**

**Tel: 2155 9362 Mob: 9945 0518**
**Email: xerri.jeffrey@gmail.com**